MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 1368/2002

**Korporazzjoni EneMalta.**

**-vs-**

**Capua Palace Limited, Angelo Xuereb Limited u l-istess Angelo Xuereb.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-2 ta’ Dicembru 2002 li permezz taghha s-socjeta’ attrici ppremettiet:

Illi s-socjetajiet konvenuti Capua Palace Limited u Angelo Xuereb Ltd u l-istess Angelo Xuereb, jew min minnhom,

kienu kkummissjonaw lill-korporazzjoni attrici sabiex jigi installat sub-station fl-isptar Capua, u dan skond kuntratt datat 8 ta’ Novembru 1994 li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok “A”, skond t-termini u l-kundizzjonijiet hemm indikati.

Illi skond l-istess ftehim milhuq bejn il-partijiet, il-konvenuti jew min minnhom kienu accettaw li kellu jithallas il-bilanc tal-hlas dovut ghall-installazzjoni imsemmija, wara li jkunu hargu l-kontijiet definittivi mill-korporazzjoni attrici u dan ukoll skond ittra datata 17 ta’ Gunju 1994, hawn annessa u mmarkata bhala Dok “B”.

Illi l-korporazzjoni attrici kienet fil-fatt installat tali sub-station, u din bdiet topera u tissupplixxi l-istess sptar minn xi zmien wara li tlestit, u sussegwentement inhareg il-kont definittiv tal-ispejjez involuti fl-installar tal-istess, li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok “C”.

Illi fuq tali installazzjoni fadal jithallas lill-korporazzjoni attrici l-bilanc ta’ Lm14,468.97, liema bilanc ghandu jithallas ukoll skond il-kuntratt hawn fuq imsemmi kif diga’ premess, skond ittra datata 26 ta’ Ottubru 2001 hawn annessa u mmarkata bhala Dok “D”.

Illi l-konvenuti jew min minnhom ghalhekk ghandhom jaghtu lill-korporazzjoni attrici s-somma ta’ erbatax-il elf erba’ mija tmienja u sittin lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm14,468.97) bilanc ta’ somma akbar in rapprezentanza ta’ installazzjoni ta’ sub station u provista ta’ materjal iehor in konnessjoni mal-istess installazzjoni, supplita lil ‘Capua Palace Health Centre’, kif hawn fuq premess.

Illi l-konvenuti gew interpellati diversi drabi sabiex ihallsu s-

somma dovuta minnhom lill-korporazzjoni attrici izda huma baqghu inadempjanti.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-korporazzjoni attrici fadlilha tithallas mill-konvenuti jew min minnhom bilanc minn somma akbar ghall-installazzjoni ta' sub-station u materjal iehor fil-Capua Palace Health Centre, fl-ammont ta' Lm14,468.97, kif hawn fuq premess.

2. Tikkundanna lill-istess konvenuti jew min minnhom ihallsu s-somma ta' Lm14,468.97, u dan rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovut ghall-installazzjoni ta' "sub-station" gewwa l-fond Capua Palace Health Centre, kif hawn fuq premess.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 7 ta' Dicembru 2001, u bl-imghaxijiet kontra l-istess konvenuti li minn issa huma ingunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici mahlufa minn Dr. Damien Degiorgio I.D. 103075(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijietipprezentata fis-17 ta' Frar 2003 li permezz taghha l-konvenuti eccepew:

1. Illi preliminarjament minhabba difett fid-dokumentazzjoni attrici, ma giex pruvat illi hemm rapport guridiku bejn il-kontendenti u ghalhekk il-konvenuti kollha ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta' Angelo Xuereb Limited bidlet isimha ghal AX Holdings Limited u ghalhekk jenhtiegu l-korrezzjonijiet fl-isem.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni hija preskritta a tenur ta' l-artikoli 2149 (a) tal-Kodici Civili jigifieri dik tas-sentejn u dik tal-hames snin a

tenur tal-artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili: jigi rilevat illi t-terminu tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri mill-mument li l-obbligazzjoni hija kompletata u mhux minn meta tinhareg fattura jew jintbaghat kont.

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, il-pretensjoni attrici hija ezorbitanti eccessiva u esagerata; inoltre gew addebitati certi spejjez lis-socjeta' konvenuta illi ma ghandhomx ikunu a kariku taghha.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Marzu 2004 u dak tat-28 ta' Gunju 2004 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni;

Ikkunsidrat.

Illi l-konvenuti qed jeccepixxi l-preskrizzjoni ai termini tal-Artiklu 2149 (a) u l-Artiklu 2156 (f) tal-Kodici Civili. Ta' l-ewwel jghid hekk;

*Azzjonijiet tal-bennejja ta' bastimenti jew bennejja ohra tal-bahar u tal-kuntratturi ta' bini iehor jew ta' xi affarijiet ohra ta' injam, gebel, jew materjal iehor ghall-opri mahdumin minnhom jew ghall-materjali li jfornu.*

Din l-azzjoni hija, skond dan l-Artikolu preskrivibbli wara sentejn izda l-Qorti ma tistax tifhem kif din tapplika ghall-kaz

in ezami li huwa dwar l-istallar tal-provvista tal-elettriku. Kif intqal minn din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet Albert

Camilleri vs Dottor Richard Galea Debono nomine (1 ta’ Lulju 1997);

*Kien dejjem kostantament ritenut fid-dottrina li giet ukoll segwita mill-gurisprudenza tal-Qrati taghna illi dan l-istitut ghandu jigi ritenut bl-iktar mod restrittiv u li fil-kamp civili l-Qorti ma ghandhiex testendi l-applikazzjoni ta’ eccezzjoni moghitja a bazi tal-preskrizzjoni la b’mod generiku u lanqas billi tapplika Artikolu tal-Ligi b’analogija ma’ Artikolu iehor.*

Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti dan l-artiklu mhux applikabbli. Ghalhekk jekk hemm xi preskrizzjoni applikabbli hija dik taht l-Artiklu 2156 (f) illi tindika b’mod generiku, azzjonijiet ohra li ma jkunux preskrivibbli taht xi Artiklu iehor u jkunu soggetti ghall-perjodu preskrittiv iqsar.

Il-partijiet jaqblu kif jidher car min-noti ta’ osservazzjonijiet taghhom, illi l-perjodu preskrittiv jibda ghaddej minn meta l-azzjoni tkun tista tigi esercitata. Il-Qorti mhix se tirrepeti dak illi ssottomettew il-partijiet ghaliex ikun superflu u certament li taqbel ma’ dawn is-sottomissjonijiet f’dan is-sens. Kif infatti irreteniet il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet Quintano vs Calleja (deciza 5 ta’ April 1993),

*Il-Qorti ma tifhimx kif qatt il-konvenuti jippretendu illi tiddeciedi l-kwistjoni tal-preskrizzjoni minghajr ma tindaga minn meta l-allegata preskrizzjoni setghet bdiet tghaddi ghaliex hija l-Ligi li tistabilixxi f’kull kaz id-dati li minnhom tibda tiddekorri u li fiha jaghlaq kull perjodu ta’ preskrizzjoni.*

F’din il-kawza l-partijiet strahu fuq l-atti minghajr ma ressqu provi fuq dan il-punt. Billi si tratta ta’ provi fuq eccezzjoni tal-konvenuti, kien jispetta lilhom li jressqu l-provi dwar dan. Billi dan naqsu li jaghmluh il-Qorti jkollha ukoll toqoghod fuq l-atti processwali li fil-verita’ ma tantx huma lluminanti. Kull ma taf il-Qorti hu;

1. Li l-kuntratt tax-xoghol sar fl-1994.

2. Illi l-kont hareg fil-5 ta’ Awwissu 1997.

3. L-atturi ppresentaw ittra ufficjali f’Dicembru 2001 u notifikata fl-10 ta’ Dicembru ta’ l-istess sena.

4. Il-kawza giet presentata f’Dicembru 2002.

Illi ghalhekk ai termini tal-Artiklu 2130 il-perjodu preskrittiv gie interrott wara erbgha snin ghaliex il-Qorti ma ghandhiex prova li l-azzjoni setghet giet intavolta qabel Awwissu 1997 u cioe’ meta nhareg il-kont. Il-Qorti ma tistax taccetta leggerment li x-xoghol kien lest fl-1995. Din hija allegazzjoni tal-konvenuti illi b’ebda mod ma giet provata.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u tordna li l-kawza titkompla. Spejjes ta’ din l-istanza riservati ghall-gudizzju finali.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------